**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 795/2015JB

Kawza Numru: 25

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Agnes Edwards (K.I.: 238968M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar id-29 ta' Settembru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf hames mija u sittax-il euro u ghaxar centezmi (€1,516.10);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum;

Ra li ghad li giet debitament notifikata bl-atti, il-Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li fis-seduta tal-lum il-Konvenuta ammettiet it-talba purche jkun hemm dilazzjoni tal-pagamenti. Bi qbil mas-Socjeta Attrici gie miftiehem dan li gej:

1. Illi s-sorte jithallas b'pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar l-ahhar jum ta' kull xahar b'effett mit-30 ta' Novembru 2015;
2. Illi kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat;
3. Illi l-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu skadenza wahda u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

Illi dwar l-ispejjez, il-partijiet qablu li dawn ghandhom jibqaw bla taxxa;

Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza a bazi tal-intendiment tal-partijiet kif verbalizzat illum stess;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ €1,516.10 bl-imghax legali b’effett mid-data tan-notifika tal-kawza u cjoe s-6 ta’ Ottubru 2014 b’dan (i) li s-sorte jithallas b’pagamenti mensili ta’ hamsin euro (€50)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar l-ahhar jum ta’ kull xahar b’effett mit-30 ta’ Novembru 2015; (ii) kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat; u (iii) li dan il-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta’ morozita ta’ almenu skadenza wahda u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*